# Se tikri vettura waqt btala?

Is-sajf magħna u ħafna jaħsbu biex imorru xi btala 'l bogħod minn xtutna. Ħafna jagħżlu li jsiefru b'mod individwali għal diversi raġunijiet. Għalhekk li wieħed jikri vettura u jsuq barra minn Malta, qegħda kulma tmur issir aktar popolari mal-Maltin. Dan l-artiklu jipprovdi għarfien dwar x'għandek tagħmel qabel u waqt li tirritorna l-vettura tal-kiri.



Li wieħed jikri vettura u jsuq barra minn Malta, qegħda kulma tmur issir aktar popolari mal-Maltin



Roderick Aquilina
Kordinatur ECC Malta

L-ewwel deċiżjoni importanti li bħala konsumaturi rridu nagħmlu hija jekk hux se nikru vettura mingħand il-kumpanija direttament jew inkella hux se nużaw is-servizz ta' xi pjattaforma. M'hemm xejn ħażin li wieħed jikri vettura minn fuq pjattaforma, imma tajjeb li wieħed ikun jaf li jeżistu d-differenzi.

Meta tibbukkja vettura min fuq pjattaforma, anki jekk inti xtrajt il-polza tal-assigurazzjoni xorta waħda tkun trid tħalli ammont sostanzjali bħala depożitu. L-ammont ta' depożitu mitlub normalment ikun bejn elf u elfejn u ħames mitt ewro, jiddependi fuq id-daqs tal-vettura. Dan ifisser li jekk ikun hemm xi tip ta' inċident fejn il-vettura mikrija ssofri danni, inti tkun trid tħallas d-danni skont it-termini u l-kundizzjonijiet li tkun iffirmajt qabel ma ħadt pussess tal-vettura. L-ammont miżmum għad-danni m'għandux jaqbeż l-aċċess indikat fil-kuntratt.

F'każ li tikri l-vettura direttament mal-kumpanija u tieħu l-polza tal-assigurazzjoni li toffrilek l-kumpanija, normalment ikollok tliet għażliet fosthom li tagħżel polza li tkoprik għal kull eventwalità u ma jkollokx il-bżonn tħalli l-ebda ammont bħala depożitu. Din l-għażla tkun l-aktar waħda għolja imma ovvjament toffri serħan ta' moħħ jekk il-vettura tkun użata skont it-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt kif ukoll skont il-liġijiet tal-pajjiż.

Ħafna drabi l-kumpanija minn fejn tikri l-vettura titolbok ammont ta' madwar mitejn ewro li dan ikun jista' jintuża f'każ li inti taqla' multa waqt li tkun qed tuża l-vettura. Importanti li wieħed iżomm f'moħħu li l-injoranza tal-liġi mhix skuża; u allura jekk pereżempju tkun dħalt f'żona ristretta għat-traffiku u qlajt kontravenzjoni m'hemm l-ebda skuża li ma kontx taf xi tfisser it-tali tabella.

Meta inti tkun ibbukkjajt minn pjattaforma u tixtri l-assigurazzjoni minn fuq l-istess pjattaforma, inti tkun kopert skont ma jkun hemm indikat fil-kuntratt. F'każ li jkun hemm xi dannu jew ħsara fuq il-vettura, l-kumpanija minn fejn tkun mikrija l-karozza tiġbed parti mill-ammont jew l-ammont kollu li l-kumpanija tkun irriservat minn fuq il-karta tal-kreditu tiegħek skont id-dannu li tkun għamilt lill-vettura. L-ammont li inti tkun ħallast għalih skont it-termini u kundizzjonijiet tal-kumpanija tkun tista' tirkupraħ aktar tard mill-kumpanija tal-assigurazzjoni li dik l-pjattaforma partikolari tkun affiljata magħha.

### Aqra sew il-kuntratt

Meta tikri vettura huwa essenzjali li tinforma lill-kumpanija jekk inti hux bi ħsiebek taqsam xi fruntiera bil-vettura, dan għaliex ċertu kumpaniji ma jaċċettawx li inti tivvjaġġa bil-karozza f'pajjiż ieħor. Għaldaqstant, huwa importanti li tinforma lill-kumpanija fejn se ssuq il-vettura biex jekk jinqala' xi ħaġa waqt il-vjaġġ inti tkun dejjem kopert.

Ħaġa oħra li għandek tikkunsidra hija l-polza tal-fjuwil; jekk tikrix il-vettura b'tank mimli u tirritornaha mimlija jew inkella jekk tħallasx għal tank mimli u tirritornaha lura vojta. Il-verità hija li għalkemm l-aħħar għażla m'għandekx ħsibijiet relatati mal-fjuwil, jekk ma teħlix il-fjuwil kollu inti xorta waħda tkun ħallast għal dak il-fjuwil li ma użajtx u jista' jkun li tkun ħallast għall-fjuwil b'rata ogħla.

Qabel tiġbor il-vettura għandek qabel xejn taqra sew il-kuntratt li inti tkun se tiffirma. Dejjem żomm f'moħħok li dak huwa l-kuntratt li inti trid tosserva jekk jiġri xi ħaġa waqt il-kirja.

La darba tkun qrajt u ffirmajt il-kuntratt, mar-rappreżentant tal-kumpanija spezzjona sew il-vettura. Jekk tara xi daqqa jew girfa kun ċert li tkun immarkata fuq id-dokument li r-rappreżentant ikollu. Iċċekkja wkoll il-livell ta' fjuwil li l-vettura għandha kif ukoll il-kilometraġġ. Jista' jkun li għalkemm tibbukkja l-vettura mimlija fil-verità din tkun nofsha mimlija.

Rigward il-kilometraġġ, hawn xi kumpaniji li jġegħluk tħallas jekk taqbeż l-ammont ta' kilometri stipulat fil-kuntratt u allura f'dan il-każ huwa importanti li l-ammont eżatt jitniżżel fuq l-istess dokument.

Ara wkoll li l-vettura hija magħmmra bl-apparat neċessarju f'każ li l-vettura tieqaf waqt li tkun qiegħed issuq. Dejjem ħu ritratti qabel ma titlaq bil-vettura bħala evidenza tal-kundizzjoni tal-vettura.

Jekk jiġri xi ħaġa lill-vettura waqt il-btala inti għandek tinforma immedjatament lill-kumpanija minn fejn tkun krejt il-vettura. M'għandek qatt issewwi l-vettura jekk mhux bil-kunsens tal-kumpanija. F'każ li niżillek it-tyre, inti tista' ssewwi u tibqa' għaddej bil-vjaġġ tiegħek. Jekk tkun involut f'inċident dejjem għandek timxi skont l-istruzzjonijiet tal-kumpanija.

Preferibbilment tirritorna l-vettura tiegħek fil-ħin meta l-uffiċċju tal-kumpanija jkun miftuħ. Dan għaliex ir-rappreżentant ikun jista' jiġi u jara l-vettura u jekk ma jkun hemm l-ebda ħsara, jiffirma fuq id-dokument biex l-ammont li jkollok marbut jinħall. Normalment dan jerġa jkun disponnibli wara 48 siegħa.

F'każ li inti tieħu l-vettura meta l-uffiċċju jkun magħluq, kun ċert li tħalli l-vettura fil-post indikat u skont l-istruzzjonijiet li jagħtik ir-rappreżentant tal-kumpanija. Importanti wkoll li terġa' tieħu r-ritratti tal-vettura bħala prova li l-vettura rritornajtha fl-istess stat li rċievejtha.

*Għal aktar informazzjoni jew assistenza tista' tagħmel kuntatt maċ-Ċentru tal-Konsumatur ta' Malta billi ċċempel fuq 21 221901 jew tibgħat email fuq ecc.malta@mccaa.org.mt.*

> L-ewwel deċiżjoni importanti li bħala konsumaturi rridu nagħmlu hija jekk hux se nikru vettura mingħand il-kumpanija direttament jew inkella hux se nużaw is-servizz ta' xi pjattaforma

